

Brussell, 21 ta' Ottubru 2020
(OR. en)

12060/20

TRANS 479
AVIATION 188
MAR 136

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Konsiderazzjonijiet ta' politika għal pjan ta' kontinġenza għal pandemija u kriżijiet maġġuri oħra għas-settur tat-trasport tal-merkanzija Ewropew - Adozzjoni ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

I. INTRODUZZJONI

Fis-27 ta' Awwissu 2020, il-Presidenza qassmet nota dwar il-punti ta' riferiment għall-ippjanar tal-pandemija fis-settur tat-trasport tal-merkanzija Ewropew. Wara l-preżentazzjoni fil-Grupp ta' Ħidma dwar it-Trasport – Kwistjonijiet Intermodali u Networks fit-2 ta' Settembru, il-Presidenza ddeċidiet li tħejji Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett tal-ippjanar ta' kontinġenza fit-trasport tal-merkanzija.

II. ĦIDMA FIL-KORPI PREPARATORJI TAL-KUNSILL

L-abboz ta' konklużjonijiet ġie diskuss f'laqgħat tal-grupp ta' ħidma fl-10, l-14 u t-18 ta' Settembru u fid-9 ta' Ottubru.

Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti ddiskuta l-abbozz ta' konklużjonijiet fil-21 ta' Ottubru 2020 u talab lill-Kunsill japprova l-abbozz ta' konkluzjonijiet¹.

¹ 10762/20

KONKLUŻJONIJIET

Wara t-talba tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa mistieden japprova l-konklużjonijiet, kif ippreżentati fl-anness.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar

**konsiderazzjonijiet ta' politika għal pjan ta' kontinġenza għal pandemija u kriżijiet
maġġuri oħra għas-settur tat-trasport tal-merkanzija Ewropew**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA

WARA LI KKUNSIDRA

- il-Linji Gwida tal-Kummissjoni tal-15 ta' Marzu 2020 għal miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali²;
- il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2020 dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor skont il-Linji Gwida għall-miżuri ta' ġestjoni tal-fruntieri biex tiġi protetta s-saħħa u tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-oġġetti u tas-servizzi essenzjali³;
- Il-Linji Gwida tal-Kummissjoni Ewropea tas-26 ta' Marzu 2020 dwar l-iffaċilitar tal-Operazzjonijiet tal-Merkanzija bl-Ajru waqt it-tifqigħa tal-COVID-19⁴;
- il-Linji Gwida tal-Kummissjoni tat-8 ta' April 2020 dwar il-ħarsien tas-saħħa tal-baħħara, tal-passiġġieri u ta' persuni oħrajn li jkunu jinsabu abbord il-bastimenti u dwar ir-ripatrijazzjoni u l-arranġamenti tal-ivvjaġġar tagħhom⁵;
- il-Linji Gwida tal-Kummissjoni tat-13 ta' Mejju 2020 dwar ir-restawr progressiv tas-servizzi tat-trasport u tal-konnettività⁶;
- il-Gwida tal-UE tat-13 ta' Mejju 2020 biex jergġhu jibdew progressivament is-servizzi tat-turiżmu u għall-protokoll tas-saħħa fi stabbilimenti tal-ospitalità⁷;
- ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċ ikkoordinat għar-restrizzjoni tal-moviment liberu b'reazzjoni għall-pandemija tal-COVID-19⁸;

² C(2020) 1753 (final)

³ C(2020) 1897 (final)

⁴ C(2020) 2010 (final)

⁵ C(2020) 3100 (final)

⁶ C(2020) 3139 (final)

⁷ C(2020) 3251 (final)

HUWA IMPENJAT li jaqdi r-rwol tiegħu fil-protezzjoni tas-settur tat-trasport Ewropew mill-effetti ta' pandemiji u sitwazzjonijiet oħra ta' kriżi maġġuri;

IFAKKAR li l-konfinament tal-pandemija tal-COVID-19 wera l-importanza ta' traffiku transfruntier bla xkiel u tal-interkonnessjoni tar-reġjuni tal-UE, speċjalment fir-reġjuni tal-fruntiera;

JISĦAQ fuq l-importanza li tiġi ppreservata l-kontinwità territorjali fi żminijiet ta' kriżi, inkluż fit-territorju Ewropew li jestendi għat-territorji extra-Ewropej;

IFAKKAR li l-aħħar ftit xhur urewna b'mod ċar kemm huwa importanti iżda wkoll kemm huwa sensittiv is-settur tat-trasport għall-fini li jiġu żgurati ktajjen tal-provvista reżiljenti u kemm huwa importanti li jinħolqu mekkaniżmi ta' koordinazzjoni affidabbli u robusti biex jiġu evitati restrizzjonijiet unilaterali u mhux koordinati;

HUWA KONVINT li r-restrizzjonijiet u l-impedimenti kollha għall-moviment liberu ta' merkanzija u ħaddiema tat-trasport għandhom jiġu evitati u **JENFASIZZA** li matul pandemija u sitwazzjonijiet oħra ta' kriżi maġġuri, il-kurituri tan-Network trans-Ewropew tat-Trasport (TEN-T) u konnessjonijiet transkonfinali essenzjali oħra għandhom jinżammu operattivi billi jiġi żgurat il-funzjonament ta' servizzi anċillari rilevanti u relatati u jinżammu miftuħa l-fruntieri għat-trasport tal-merkanzija;

JINNOTA li s-settur tat-trasport b'mod ġenerali, u b'mod partikolari t-trasport tal-merkanzija, huwa sistemikament rilevanti għall-komunità tagħna peress li l-konnessjonijiet tat-trasport ma jispiċċawx fil-fruntieri esterni nazzjonali jew tal-UE. Għalhekk jeħtieġ li nħarsu lejn il-mobbiltà tal-ħaddiema tat-trasport u l-operazzjonijiet tat-trasport minn perspettiva Ewropea u internazzjonali, inkluż fi żminijiet ta' kriżi, filwaqt li l-għeluq tal-fruntieri fl-Unjoni għandu jiġi evitat u l-fluss tal-merkanzija, inkluż mill-punti ta' dħul fl-Unjoni, għandu jibqa' bla xkiel;

JINSAB KONVINT li l-esperjenza miksuba matul il-pandemija tal-COVID-19 għandha titqies bis-sħiħ u li l-kooperazzjoni u l-isforzi komuni biex jiġi żgurat il-moviment liberu tal-ħaddiema tat-trasport u tal-merkanzija bejn il-fruntieri interni tal-UE, kif ukoll il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, għandhom jissaħħu;

⁸ ĠU L337, 14.10.2020, p. 3-9

JILQA' l-approċi koordinati, flessibbli, proporzjonati u nondiskriminatorji segwiti matul dawn l-aħħar xhur mill-UE, l-Istati Membri u s-settur tat-trasport; il-koordinazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet kompetenti nazzjonali, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport, l-intern u s-saħħa; il-kooperazzjoni mill-qrib u l-iskambju ta' informazzjoni fil-kuntest tar-Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi (IPCR); u l-iskambju regolari u rapidu ta' informazzjoni aġġornata permezz tan-network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali tal-ministeri tat-trasport tal-Istati Membri bil-parteċipazzjoni tal-Kummissjoni;

JILQA' l-konformità kkoordinata mar-rakkomandazzjonijiet u mal-gwida tal-Kummissjoni u tal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti mill-Istati Membri fil-qasam tat-trasport fix-xhur li għaddew;

JILQA' l-adozzjoni rapida, maħsuba tajjeb u determinata ta' miżuri ta' kontinġenza leġiżlattivi mmirati tal-UE għaż-żamma tal-operazzjonijiet tat-trasport intra-UE u internazzjonali matul il-pandemija tal-COVID-19;

JILQA' l-iskambju regolari ta' informazzjoni u koordinazzjoni mal-assoċjazzjonijiet tas-settur tat-trasport fil-livelli nazzjonali u Ewropej;

JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tfassal malajr pjan ta' kontinġenza għal pandemija u kriżijiet maġġuri oħra għas-settur Ewropew tat-trasport tal-merkanzija, inkluż miżuri biex tiġi żgurata koordinazzjoni fil-livell tal-UE u linji gwida ċari bbażati fejn xieraq fuq valutazzjoni tal-impatt u wara konsultazzjoni mas-settur tat-trasport, b'valutazzjoni tal-miżuri meħuda biex tiġi indirizzata l-kriżi tal-COVID-19 u b'kont meħud tas-sitwazzjoni ġenerali tas-settur tat-trasport sa mill-bidu tal-pandemija;

IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, sabiex tiċċara l-kamp ta' applikazzjoni tal-pjan ta' kontinġenza, biex tipprovdi definizzjoni koerenti ta' "kriżi maġġuri", waqt li tqis li l-pjan ta' kontinġenza għandu li għan li joffri mezz li jgħin biex jiġu evitati impatti potenzjalment severi fuq it-trasport tal-merkanzija u l-fluss bla xkiel ta' merkanzija bejn l-Istati Membri u ma' pajjiżi terzi, f'sitwazzjoni ta' kriżi maġġuri bħal din.

IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex, fejn ikun xieraq, testendi parzjalment jew kompletament il-pjan ta' kontinġenza għat-trasport tal-passiġġieri u t-trasport b'mod ġenerali;

JISSUĠĠERIXXI li pjan ta' kontinġenza bħal dan jorbot mill-qrib mas-sejħa tal-Kunsill għal evalwazzjoni tal-pandemija tal-COVID-19 fir-rigward tas-suq intern;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni tikkunsidra li fil-pjan ta' kontinġenza tkopri mill-inqas l-aspetti li ġejjin: iż-żamma ta' operazzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija transfruntiera tul il-kurituri tan-network tat-TEN-T u konnessjonijiet transfruntiera essenzjali oħra kif ukoll servizzi anċillari relatati li jappoġġaw l-operazzjoni ta' tali network u li jiżguraw il-moviment ħieles tal-ħaddiema tat-trasport filwaqt li tiġi salvagwardata l-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tagħhom; it-tnejn ta' linji gwida u ta' għodod tal-aħjar Prattika sabiex tissaħħaħ ir-reżiljenza tas-settur tat-trasport, u l-istabbiliment ta' qafas regolatorju koerenti fir-rigward tal-eżenzjonijiet li għandhom jiġu applikati meta jinqalgħu pandemiji u sitwazzjonijiet ta' kriżi maġġuri oħra;

JISĦAQ fuq l-importanza li tali pjan ta' kontinġenza jqis il-ħtiġijiet speċifiċi tal-Istati Membri li ma għandhomx fruntiera fuq l-art ma' Stat Membru ieħor, ta' gżejjer, ta' reġjuni remoti u periferiċi u ta' territorji extra-Ewropej sabiex tiġi żgurata l-konnettività u jiġi evitat l-iżolament;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni tuża u ssaħħaħ l-istrutturi u n-networks eżistenti, inkluż in-network ta' punti ta' kuntatt nazzjonali tal-ministeri tat-trasport;

JISSOTTOLINJA l-importanza għall-abbozzar tal-pjan ta' kontinġenza tal-impenn tal-UE għan-newtralità klimatika sal-2050, tal-prinċipji tas-sussidjarjetà, tal-proporzjonalità u tar-regolamentazzjoni aħjar, u tar-rispett tal-għarfien espert u l-kompetenza tal-awtoritajiet u l-partijiet ikkonċernati differenti involuti;

JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta bir-reqqa l-passi ulterjuri sabiex tippromwovi d-diġitalizzazzjoni tas-settur tat-trasport u l-ġbir ta' informazzjoni, filwaqt li ssaħħaħ ir-reżiljenza tan-networks tal-IT u ttejjeb l-app Galileo dwar il-Korsiji Ħodor;

JISTIENEN lill-Kummissjoni biex fil-ħidma ulterjuri tagħha tqis it-tagħlimiet meħuda mill-użu tal-Korsiji Ħodor sabiex tiżgura l-funzjonament tal-ktajjen tat-trasport u tal-loġistika kif ukoll kundizzjonijiet prevedibbli u armonizzati tal-ivvjaġġar u tax-xogħol, b'mod partikolari billi ċ-ċertifikat għall-ħaddiema tat-trasport internazzjonali jiġi aċċettat, stampat jew f'format diġitali, kif imsemmi fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Korsiji Ħodor madwar l-Unjoni, u, fejn xieraq, tippromwovi l-użu tal-multimodalità u modi ta' trasport sostenibbli li jirrispettaw l-ambjent;

JISTIENEN lill-Kummissjoni tiżviluppa, fir-rigward tar-reviżjoni tal-qafas temporanju tal-ghajjnuna mill-Istat, qafas speċifiku għal ghajjnuna temporanja mill-Istat għal pandemiji u sitwazzjonijiet oħra preżenti u futuri ta' kriżi maġġuri li jippermetti lill-Istati Membri jappoġġaw is-settur tat-trasport b'mod rapidu, proporzjonat u nondiskriminatorju, filwaqt li titqies il-ħtieġa li tittieħed azzjoni malajr u b'mod flessibbli f'sitwazzjonijiet bħal dawn;

IFAKKAR fl-importanza tar-Regolament (UE) 2019/452 li jistabbilixxi qafas għall-iskrinjar tal-investimenti diretti barranin fl-Unjoni u tal-Gwida tal-Kummissjoni lill-Istati Membri rigward l-investment dirett barrani u l-moviment liberu tal-kapital minn pajjiżi terzi, u l-protezzjoni tal-assi strateġiċi tal-Ewropa, qabel l-applikazzjoni tar-Regolament⁹;

JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jittieħed kont tat-tħassib tas-settur tat-trasport meta jiġu adottati jew ikkunsidrati regoli jew miżuri kkoordinati dwar is-saħħa u l-qsim tal-fruntieri, sabiex jiġi evitat impatt negattiv fuq il-ktajjen tal-provvista u biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-merkanzija u tal-ħaddiema tat-trasport, kif ukoll bidliet fl-ekwipaġġ.

⁹ C(2020) 1981